**207. Il-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern jipproponi :-**

Illi minkejja kull provvedimenti oħra fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra u riżoluzzjonijiet oħra approvati mill-Kamra, dan li ġej għandu jirregola l-proċedura dwar l-Estimi Ġenerali ta' l-Ispiża għas-sena 2006 u dwar l-Estimi Supplimentari ta' l-Ispiża għas-sena 2005.

**A. <u>Provvedimenti Ġenerali</u>**

1. Illi jkunu jistgħu jittieħdu aktar minn seba' seduti għall-konsiderazzjoni ta' l-Estimi Ġenerali fil-Kumitat ta' Provvista (Ordni Permanenti Nru 71 (3) (ċ)).

2. Illi l-Kamra tista' tiltaqa' fil-għodu fid-9.00 a.m., u fil-għaxija fis-6.00 p.m. fl-istess jum.

3. Illi matul il-jiem tad-dibattiti dwar l-Estimi Ġenerali 2006, kif ukoll fil-jiem tal-Kumitat ta' Provvista għall-Estimi Ġenerali 2006, u Estimi Supplimentari għas-sena 2005, il-ħin li fih għandha tiltaqa' l-Kamra hu kif ġej:

(i) Ħlief kif imsemmi fil-paragrafi (iii), (iv) u (v) hawn taħt, jekk il-Kamra tiltaqa' fil-għodu, il-ħin li fih għandha tiltaqa' l-Kamra għandu jkun fid-9.00 a.m. u x-xogħol finanzjarju m'għandux jieħu aktar minn tliet sigħat, imma mistoqsijiet jistgħu jiġu magħmula lill-Ministri sa mhux aktar tard mid-9.30 a.m. u l-ħin ta' l-Aġġornament ma jitteħidx.

(ii) Ħlief kif imsemmi fil-paragrafi (iii), (iv) u (v) hawn taħt, jekk il-Kamra tiltaqa' fil-għaxija, il-ħin li fih għandha tiltaqa' l-Kamra għandu jkun fis-6.00 p.m. u x-xogħol finanzjarju ma għandux jieħu aktar minn tliet sigħat, imma mistoqsijiet jistgħu jiġu magħmula lill-Ministri sa mhux aktar tard mis-6.30 p.m. u l-ħin ta' l-Aġġornament ma jitteħidx.

(iii) Fil-ġranet imħollija għad-diskussjoni u approvazzjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impieg, tal-Ministeru għat-Turiżmu u Kultura u tal-Ministeru għall-Investiment, Industrija u Teknoloġija ta' l-Informazzjoni, ix-xogħol finanzjarju ma għandux jieħu aktar minn tliet sigħat u nofs u l-ħin tal-mistoqsijiet u l-ħin ta' l-Aġġornament ma jitteħidx.

(iv) Fil-ġranet imħollija għad-diskussjoni u approvazzjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern, tal-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u Ambjent, tal-Ministeru tal-Familja u Solidarjeta' Soċjali u tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin, ix-xogħol finanzjarju ma għandux jieħu aktar minn erba' sigħat u l-ħin tal-mistoqsijiet u l-ħin ta' l-Aġġornament ma jitteħidx.

(v) Id-diskussjoni u approvazzjoni tar-riżoluzzjonijiet ta' l-Uffiċċju tal-Prim Ministru għandu jinqasam fuq żewġ seduti b'mod li x-xogħol finanzjarju ma għandux jieħu aktar minn erba' sigħat fl-ewwel seduta u tliet sigħat u nofs fit-tieni seduta, u l-ħin tal-mistoqsijiet u l-ħin ta' l-Aġġornament taż-żewġ seduti ma jitteħidx.

4. Illi l-ħin li jittieħed għal xi sospensjoni waqt id-diskussjonijiet kollha fuq l-Estimi Ġenerali 2006, Kumitat ta' Provvista, Estimi Supplimentari 2005, kif ukoll waqt iż-żewġ approprjazzjonijiet, għandu jiżdied mal-ħin stabbilit għall-interruzzjoni tax-xogħol.

5. Illi l-Kamra tista' tiltaqa' wkoll il-Ħamis, il-Ġimgħa, u s-Sibt, kemm fil-għodu u fil-għaxija fl-istess jum.

6. Illi meta l-Kamra tiltaqa' nhar ta' Ħamis, kemm fil-għodu fid-9.00 a.m., u fil-għaxija fis-6.00 p.m., isir biss xogħol tal-Gvern.

7. Illi fis-seduti kollha li għandhom x'jaqsmu ma' l-Estimi Ġenerali 2006 jew l-Estimi Supplimentari 2005, jista' jsir xogħol ieħor tal-Gvern, inklużi mozzjonijiet u riżoluzzjonijiet, kif ikun jidher fuq l-Aġenda, wara li jispiċċa x-xogħol finanzjarju fil-ħin ta' l-interruzzjoni tax-xogħol u wara li jgħaddi x-xogħol kollu li jkun jidher fuq l-Aġenda, jitressaq l-Aġġornament u l-ħin ta' l-Aġġornament ma jitteħidx.

**B. <u>Estimi Ġenerali 2006</u>**

1. Illi jkun hemm żewġ seduti fuq il-mozzjoni biex il-Kamra tmur f'Kumitat ta' Provvista għas-sena 2006; u l-ewwel seduta minn dawn tkun għall-Oppożizzjoni, waqt li t-tieni waħda tkun għall-Gvern; u ż-żewġ seduti jkunu eżenti mil-limiti ta' ħin għad-diskorsi (Ordni Permanenti Nru. 49). Il-ħin ta' l-interruzzjoni tax-xogħol ta' dawn iż-żewġ seduti jkun fil-11.30 a.m. jekk il-Kamra tiltaqa' fil-għodu u fit-8.30 p.m. jekk tiltaqa' fil-għaxija u l-ewwel votazzjoni tittieħed ħames minuti wara li tintalab, waqt li l-votazzjonijiet l-oħra kollha li jistgħu jintalbu jittieħdu immedjatament wara. Il-ħin ta' l-Aġġornament ta' dawn is-Seduti ma jitteħidx.

2. Illi fis-seduti mħollija għall-Kumitat ta' Provvista għas-sena 2006, il-ħin ta' l-interruzzjoni tax-xogħol, rigward ix-xogħol finanzjarju jkun fin-12.30 p.m. kull meta l-Kamra tiltaqa' fil-għodu u fid-9.30 p.m. kull meta l-Kamra tiltaqa' fil-għaxija; u li f'dawn is-seduti l-ħin ta' l-Aġġornament ma jitteħidx.

**B'dan illi fis-seduti mħollija għad-diskussjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern, tal-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u Ambjent, tal-Ministeru tal-Familja u Solidarjeta' Soċjali, u tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin, il-ħin ta' l-interruzzjoni tax-xogħol jiżdied b'nofs siegħa.**

B'dan illi fis-seduti mħollija għad-diskussjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern, tal-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u Ambjent, tal-Ministeru tal-Familja u Solidarjeta' Soċjali, u tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin, il-ħin ta' l-interruzzjoni tax-xogħol jiżdied b'nofs siegħa.

B'dan ukoll illi fl-ewwel seduta mħollija għad-diskussjoni tar-riżoluzzjonijiet ta' l-Uffiċċju tal-Prim Ministru, il-ħin ta' l-interruzzjoni tax-xogħol jiżdied b'nofs siegħa.

3. Illi fil-jiem tal-Kumitat ta' Provvista:-

(i) Kull Ministru jressaq ir-Riżoluzzjonijiet tiegħu fil-Kumitat fil-bidu tad-diskussjoni dwarhom; u mbagħad il-ħin disponibbli għad-diskussjoni jinqasam indaqs bejn Gvern u Oppożizzjoni bl-aħħar nofs għall-Gvern;

(ii) Fil-ħin ta' l-interruzzjoni tax-xogħol finanzjarju, il-President tal-Kumitat iqiegħed għall-vot mingħajr diskussjoni l-mistoqsija fuq il-voti ta' l-estimi kif jidhru fuq l-Aġenda, u fuq l-emendi li jista' jkun hemm għalihom:

Iżda Ministru jista' jressaq emendi li jitqiegħdu għall-vot mingħajr diskussjoni; u Ministru jista' wkoll jitlob il-konsiderazzjoni mill-ġdid fil-Kumitat dwar emendi proposti minnu, u f'dan il-każ dawn l-emendi jitqiegħdu għall-vot mingħajr diskussjoni;

(iii) Il-votazzjonijiet kollha li jistgħu jintalbu jittieħdu x'ħin tispiċċa d-diskussjoni; u l-ewwel votazzjoni tittieħed ħames minuti wara li tintalab fil-ħin ta' l-interruzzjoni tax-xogħol, waqt li l-votazzjonijiet l-oħra, jekk ikun hemm, jittieħdu immedjatament warajha.

4. Illi l-voti fil-Kumitat ta' Provvista jistgħu jittieħdu għad-diskussjoni mhux fl-ordni u fid-dati kif jidhru hawn taħt u iktar minn voti ta' Ministeru wieħed jistgħu jiġu diskussi f'seduta waħda.

5. Illi matul il-perjodu li fih ikunu qed isiru s-seduti kollha li għandhom x'jaqsmu ma' l-Estimi Ġenerali 2006 jew l-Estimi Supplimentari 2005, il-Kamra tista' tiltaqa' wkoll biex isir xogħol ieħor tal-Gvern, inklużi mozzjonijiet u riżoluzzjonijiet, kif ikun jidher fuq l-Aġenda.

**DISKORS BUDGET**

**It-Tnejn, 31 ta' Ottubru, 2005**

**Fis-6.30 p.m.**

**RISPOSTA MILL-KAP TA' L-OPPOŻIZZJONI**

**It-Tnejn, 7 ta' Novembru, 2005**

**Fis-6.30 p.m.**

**-**

**RISPOSTA MILL-PRIM MINISTRU**

**L-Erbgħa, 9 ta' Novembru, 2005**

**Fis-6.30 p.m.**

**L-EWWEL JUM**

**MINISTERU GĦALL-INVESTIMENT, INDUSTRIJA**

**U TEKNOLOĠIJA TA' L-INFORMAZZJONI**

**Il-Ħamis, 10 ta' Novembru, 2005**

**Fid-9.00 a.m.**

**-**

**IT-TIENI JUM**

**MINISTERU TA' L-EDUKAZZJONI, ŻGĦAŻAGĦ U IMPIEG**

**Il-Ħamis, 10 ta' Novembru, 2005**

**Fis-6.00 p.m.**

**-**

**<u>IT-TIELET JUM</u>**

**MINISTERU TAL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN**

**Il-Ġimgħa, 11 ta' Novembru, 2005**

**Fid-9.00 a.m.**

**-**

**<u>IR-RABA' JUM</u>**

**MINISTERU GĦAT-TURIŻMU U KULTURA**

**Il-Ġimgħa, 11 ta' Novembru, 2005**

**Fis-6.00 p.m.**

**-**

**<u>IL-ĦAMES JUM</u>**

**MINISTERU GĦALL-FAMILJA U SOLIDARJETA' SOĊJALI**

**It-Tnejn, 14 ta' Novembru, 2005**

**Fid-9.00 a.m.**

**-**

**<u>IS-SITT JUM</u>**

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA, L-ANZJANI U KURA FIL-KOMUNITA'**

**It-Tnejn, 14 ta' Novembru, 2005**

**Fis-6.30 p.m.**

**-**

**<u>IS-SEBA' JUM</u>**

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX**

**It-Tlieta, 15 ta' Novembru, 2005**

**Fid-9.30 a.m.**

**<u>IT-TMIEN JUM</u>**

**MINISTERU GĦALL-KOMPETITTIVITA' U KOMUNIKAZZJONI**

**It-Tlieta, 15 ta' Novembru, 2005**

**Fis-6.30 p.m.**

**<u>ID-DISA' JUM</u>**

**MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET RURALI U L-AMBJENT**

**L-Erbgħa, 16 ta' Novembru, 2005**

**Fid-9.00 a.m.**

**<u>L-GĦAXAR JUM</u>**

**MINISTERU GĦALL-IŻVILUPP URBAN U TOROQ**

**L-Erbgħa, 16 ta' Novembru, 2005**

**Fis-6.30 p.m.**

**-**

**<u>IL-ĦDAX-IL JUM</u>**

**MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN**

**Il-Ħamis, 17 ta' Novembru, 2005**

**Fid-9.00 a.m.**

**-**

**<u>IT-TNAX-IL JUM</u>**

**MINISTERU GĦAR-RIŻORSI U INFRASTRUTTURA**

**Il-Ħamis, 17 ta' Novembru, 2005**

**Fis-6.30 p.m.**

**<u>IT-TLETTAX-IL JUM</u>**

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU**

**Il-Ġimgħa, 18 ta' Novembru, 2005**

**Fid-9.00 a.m.**

**U**

**Fis-6.00 p.m.**

**<u>L-ERBATAX-IL JUM</u>**

**APPROPRJAZZJONI**

**Il-Ġimgħa, 18 ta' Novembru, 2005**

**Fid-9.30 p.m.**

31.10.2005